31996D0425

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-28 ta' Ġunju 1996

li tistabbilixxi kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw importazzjonijiet ta' prodotti tas-sajd u ta' akwakultura li joriġinaw mill-Mawritanja

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(95/30/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tippreskrivi l-kundizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tas-sajd [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 95/71/KE [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 11 tagħha,

Billi grupp ta' esperti tal-Kummissjoni żar il-Mawritanja sabiex jagħmel spezzjoni ħalli jivverifika l-kondizzjonijiet li taħthom jiġu magħmula, maħżuna u mibgħuta prodotti tas-sajd lejn il-Komunità;

Billi d-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni tal-Mawritanja dwar spezzjonijiet tas-saħħa u kontroll fuq prodotti tas-sajd jistgħu jiġu meqjusa bħala ekwivalenti għal dawk preskritti fid-Direttiva 91/493/KEE;

Billi l-"Ministère des Pêches et de l'Économie Maritime — Centre National de Recherches Océanographiques et des Pêches — Département Valorisation et Inspection Sanitaire (MPEM-CNROP-DVIS)", l-awtorità kompetenti fil-Mawritanja, hija kapaċi tivverifika b'mod effettiv l-applikazzjoni tal-liġijiet fis-seħħ;

Billi l-proċedura sabiex jinkiseb iċ-ċertifikat ta' saħħa msemmi fl-Artikolu 11(4)(a) tad-Direttiva 91/493/KEE għandha tkopri wkoll id-definizzjoni ta' ċertifikat mudell, il-ħtiġiet minimi tal-lingwa/i li fiha għandu jiġi abbozzat u l-grad tal-persuna awtorizzata li tiffirmah;

Billi, skond l-Artikolu 11(4)(b) tad-Direttiva 91/493/KEE, għandha titpoġġa marka fuq pakketti ta' prodotti tas-sajd, li tagħti l-isem tat-tielet pajjiż u n-numru ta' approvazzjoni tad-ditta u l-bastiment friża ta' oriġini;

Billi, skond l-Artikolu 11(4)(ċ) tad-Direttiva 91/493/KEE, għandha titħejja lista ta' ditti approvati u ta' bastimenti friża; billi dik il-lista għandha ssir fuq il-bażi ta' komunikazzjoni mill-MPEM-CNROP-DVIS lill-Kummissjoni; billi huwa għalhekk f'idejn il-MPEM-CNROP-DVIS li jiżgura konformità mad-dispożizzjonijiet preskritti għal dak il-għan fl-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 91/493/KEE;

Billi l-MPEM-CNROP-DVIS ipprovdiet assigurazzjonijiet uffiċjali dwar il-konformità mar-regoli preskritti fil-Kapitolu V ta' l-Anness li jinsab mad-Direttiva 91/493/KEE u dwar li jiġu sodisfatti l-ħtiġiet ekwivalenti għal dawk preskritti b'dik id-Direttiva għall-approvazzjoni ta' stabbilimenti u bastimenti friża;

Billi l-miżuri li għalihom tipprovdi din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-"Ministère des Pêches et de l'Économie Maritime — Centre National de Recherches Océanographiques et des Pêches — Département Valorisation et Inspection Sanitaire (MPEM-CNROP-DVIS)", huwa rikonoxxut bħala l-awtorità kompetenti fil-Mawritanja sabiex tivverifika u tiċċertifika l-konformità ta' prodotti tas-sajd mal-ħtiġiet tad-Direttiva 91/493/KEE;

Artikolu 2

Prodotti ta' sajd u akwakultura li joriġinaw mill-Mawritanja għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

1. kull kunsinna għandha tkun akkompanjata b'ċertifikat oriġinali enumerat tas-saħħa, mimli kif imiss, iffirmat, datat u li jkun magħmul minn paġna waħda skond il-mudell imniżżel fl-Anness A li jinsab ma' din id-Deċiżjoni;

2. il-prodotti għandhom ikunu ġejjin mill-istabbilimenti jew bastimenti friża approvati elenkati fl-Anness B li jinsab ma' din id-Deċiżjoni;

3. minbarra fil-każ ta' prodotti ta' sajd iffriżati fi kwantità u maħsuba għall-manufattura ta' ikel ippriservat, il-pakketti kollha għandhom juru l-kelma 'Mawritanja' u n-numru ta' approvazzjoni ta' l-istabbiliment jew tal-bastimenti tal-friża ta' oriġini b'ittri li ma jitħassrux.

Artikolu 3

1. Iċ-ċertifikat imsemmi fil-punt 1 ta' l-Artikolu 2 għandu jiġi mħejji f'ta' l-inqas lingwa uffiċjali waħda ta' l-Istat Membru fejn isiru l-kontrolli.

2. Iċ-ċertifikat għandu juri l-isem, il-kariga u l-firma tar-rappresentant tal-"Ministère des Pêches et de l'Économie Maritime — Centre National de Recherches Océanographiques et des Pêches — Département Valorisation et Inspection Sanitaire (MPEM-CNROP-DVIS)", u t-timbru uffiċjali ta' dan ta' l-aħħar b'kulur differenti minn dak ta' l-indikazzjonijiet l-oħra fuq iċ-ċertifikat.

[1] ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 15.
[2] ĠU L 332, tat-30.12.1995, p. 40.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulha fi Brussell, fit-28 ta' Ġunju 1996.

Għall-Kummissjoni
Franz FISCHLER
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS A

CERTIFIKAT TAS-SAHHA

għal prodotti tas-sajd u akwakultura li joriġinaw fil-Mawritanja u maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea bl-eċċezzjoni ta' molluski bivalvi, rizzi, tunikati, u gastropodi marini f'kull forma

Nru ta' Referenza: .....

Pajjiż ta' dispacc: MAWRITANJA

Awtorità kompetenti: 'MINISTÈRE DES PÊCHE ET DE L'ÉCONOMIE MARITIME — CENTRE NATIONAL DE RECHERCHES OCÉANOGRAPHIQUES ET DES PÊCHE — DÉPARTEMENT VALORISATION ET INSPECTION SANITAIRE (MPEM-CNROP-DVIS)'

I. **Dettalji li jidentifikaw il-prodotti**

Deskrizzjoni ta' prodotti tas-sajd jew ta' akwakultura (1)

— Speċi (isem xjentifiku): .....

— Preżentazzjoni tal-prodott (2) u tip ta' trattament: .....

Numru tal-kodiċi (fejn disponibbli jeżisti): .....

Tip ta' ppakkjar: .....

Numru ta' pakketti: .....

Piż nett: .....

Temperatura mehtieġa tal-ħażna u trasport mehtieġa: .....

II. **Origini tal-prodotti**

Isem (ismijiet) u numru (numri) ta' approvazzjoni uffiċjali ta' stabbiliment/i jew bastiment(i) friża approvati mill-MPEM-CNROP-DVIS għall-esportazzjonijiet lejn il-Komunità għall-esportazzjoni lejn il-KE:

.....

.....

.....

.....

III. **Destinazzjoni tal-prodotti**

Il-prodotti ta' sajd jew prodotti ta' akwakultura (1) jintbagħtu

minn: .....

(post ta' dispaċċ)

lejn: .....

(pajjiż u post ta' destinazzjoni)

permezz tal-mezzi ta' trasport li gejjin: .....

Isem u ndirizz ta' min jibgħat: .....

.....

.....

Isem tad-destinatarju u indirizz fil-post tad-destinazzjoni: .....

.....

.....

(1) Hassar fejn ma japplikax.
(2) Ħajjin, refriġerati, iffriżati, immelħin, iffumigati, ippriservati eċċ.

IV. **Attestazzjoni tas-saħħa**

L-ispettur uffiċjali b'dan jiċċertifika li l-prodotti ta' sajd u akwakultura speċifikati hawn fuq:

1. ġew maqbuda u mmaniġġjati abbord bastimenti skond ir-regoli tas-saħħa preskritti bid-Direttiva 92/48/KEE;
2. inħattu, ġew immaniġġjati u ppakkjati, ppreparati, ipproċessati, iffriżati, thallew jirtabu u ġew maħżuna b'mod iġjeniku skond il-ħtiġiet preskritti fil-Kapitoli II, III u IV ta' l-Anness li jinsab mad-Direttiva 91/493/KEE;
3. għaddew mill-kontrolli tas-saħħa skond il-Kapitolu V ta' l-Anness li jinsab mad-Direttiva 91/493/KEE;
4. ġew ppakkajti, mmarkati, maħżuna u trasportati skond il-Kapitoli VI, VII u VII ta' l-Anness li jinsab mad-Direttiva 91/493/KEE;
5. ma kienux ġejjin minn speċi tossiċ jew speċi li jkun fihom il-bijotossiċi;
6. għaddew b'mod sodisfaċjenti mill-kontrolli organolettiċ, parassitoloġiċ, kimiċi u mikrobijoloġiċi preskritti għal ċerti kategorji ta' prodotti tas-sajd bid-Direttiva 91/493/KEE u fid-deċiżjonijiet implimentattivi għal maghha.

L-ispettur uffiċjali sottoskritt b'dan jiddikjara li huwa jaf bid-disposizzjonijiet tad-Direttivi 91/493/KEE u 92/48/KEE.

Magħmula ....., ...
(post) (data)

Siġill uffiċjali [1]

.....
(Firma ta' l-ispettur ufficjali) [1]

.....
(isem b'ittri kapitali, kariga u kwalifiki tal-persuna li tiffirma) [1]

[1] Il-kulur tat-timbru u tal-firma għandu jkun differenti minn dak tad-dettalji l-oħra fiċ-ċertifikat.

ANNESS B

1. **LISTA TA' STABBILIMENTI APPROVATI**

Nru ta'approvazzjoni	Stabbiliment	Lokalità
01.001	MAURAL (1)	NOUAKCHOTT
01.002	SPPAM	NOUAKCHOTT
01.003	SOCIMAR	NOUAKCHOTT
01.004	SODIAP	NOUAKCHOTT
01.005	Éts KALDE FRÈRES	NOUAKCHOTT
01.006	MAURIEX	NOUAKCHOTT
02.001	SOPAC	NOUADHIBOU
02.002	SMEF	NOUADHIBOU

(1) Esportazzjoni ta' ħut sħiħ biss.

2. **LISTA TA' BASTIMENTI FRIŻA APPROVATI**

Nru ta' approvazzjoni	Isem	Isem tas-sid tal-bastiment	
421	CAP 1	CAP	NOUADHIBOU
555	TICHIT 3	Éts CHERIF HAMAHALLAH	NOUADHIBOU
574	BURMAPÊCHE 1	BURMA PÊCHE	NOUADHIBOU
575	BURMAPÊCHE 5	BURMA PÊCHE	NOUADHIBOU
591	RAJA 2	SOMAPÊCHE RAJA	NOUADHIBOU
596	CIPA 1	CIPA	NOUADHIBOU
598	CIPA 2	CIPA	NOUADHIBOU
602	ARPECO 1	ARPECO	NOUADHIBOU
604	ANAJIM	M L O LOULEIDA	NOUADHIBOU
614	SIPÊCHE 1	SIPÊCHE	NOUADHIBOU
617	AL VALAH	COPAM SA	NOUADHIBOU
618	ZAID	COPAM SA	NOUADHIBOU
619	CHOR	COPAM SA	NOUADHIBOU
624	ARPECO 5	ARPECO	NOUADHIBOU
626	ERRACHID 1	MIZANE SA	NOUADHIBOU
630	MFC 1	MFC	NOUADHIBOU
631	MFC 2	MFC	NOUADHIBOU
632	MESSOUD 1	MIZANE SA	NOUADHIBOU
633	TICHIT 5	Éts CHERIF HAMAHALLAH	NOUADHIBOU
638	RABIH WASSALAM	SP SA	NOUADHIBOU
642	BARAKAT 1	BARAKAT	NOUADHIBOU
646	RAJA 1	SOMAPÊCHE RAJA	NOUADHIBOU
650	ARPECO 3	ARPECO	NOUADHIBOU
652	ISMAIL 2	SID'AHMED OULD BNEIJARA	NOUADHIBOU
654	TICHIT 6	Éts CHERIF HAMAHALLAH	NOUADHIBOU
655	MOURABITOUNE 1	MAUSOV SEM	NOUADHIBOU
656	MOURABITOUNE 2	MAUSOV SEM	NOUADHIBOU
657	MOURABITOUNE 3	MAUSOV SEM	NOUADHIBOU

Nru ta' approvazzjoni	Isem	Isem tas-sid tal-bastiment	
658	BURMAPÊCHE 3	BURMA PÊCHE	NOUADHIBOU
660	ENNAJAH 3	MAURIPECO	NOUADHIBOU
661	ENNAJAH 2	MAURIPECO	NOUADHIBOU
683	YOUNESS 1	MD CHEIKH OULD DIDDA	NOUADHIBOU
692	N'TID 1	AHMED O MOGUEYA	NOUADHIBOU
693	N'TID 2	AHMED O MOGUEYA	NOUADHIBOU
699	MACIPEC 1	SCORE	NOUADHIBOU
708	CPMC 4	COPEMAC	NOUADHIBOU
710	CPMC 6	COPEMAC	NOUADHIBOU
779	SAID 1	MD LEMINE OULD ADMED SAL.	NOUADHIBOU